# L-Aġent Kummissarju tal-Pulizija jgħid li mhux kompitu tiegħu jiddeċiedi fuq it-talba ta' BirdLife Malta

## B'risposta għall-Kwerela tagħna, Carmelo Magri jgħid li m'għandux il-poter jistabbilixxi jekk il-liċenzji tal-kaċċa nħarġux b'mod *ultra vires*, u indirettament jissuġġerixxi li l-każ imur il-Qorti

F'ittra mibgħuta mill-Aġent Kummissarju tal-Pulizija lil BirdLife Malta ftit aktar minn 24 siegħa wara li ssottomettejna l-Kwerela biex nitolbu li jiġu rtirati l-liċenzji tal-kaċċa li nħarġu b'mod illegali mill-Ministeru għal Għawdex, l-Aġent Kummissarju Carmelo Magri wieġeb li l-Pulizija m'għandha l-ebda awtorità biex tieħu azzjoni f'dan ir-rigward, kif mitlub minn BirdLife Malta.

Fir-risposta tiegħu l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija jispjega kif mhux kompitu tiegħu li jistabbilixxi jekk il-liċenzji tal-kaċċa nħarġux mill-Ministeru għal Għawdex b'mod *ultra vires* il-poteri jew l-awtorità mogħtija lilu skont il-liġi. L-ittra tkompli li kieku kellu jagħmel hekk, dan ikun 'il fuq mill-poteri li tagħtih il-liġi għax id-dmir tal-pulizija hu li tinforza l-liġijiet li jkunu twaqqfu mill-awtoritajiet kompetenti.

Filwaqt li joqgħad lura milli jgħid li BirdLife Malta għandha tieħu din il-kwistjoni quddiem il-Qorti, l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija jikkonkludi billi jissuġġerixxi li l-istat għandu istituzzjonijiet *ad hoc* li għandhom is-saħħa legali li jivverifikaw il-validità tal-liġijiet.

Fid-dawl ta' din it-tweġiba issa BirdLife Malta qed tieħu parir fuq l-aħjar triq 'il quddiem sabiex tindirizza l-każ fil-Qrati.

BirdLife Malta ttenni l-pożizzjoni tagħha li l-ebda tgħawwiġ tal-fatti, attentat ta' spin, jew intimidazzjoni mhuma se jwaqqfuha li tieħu dik l-azzjoni skont id-drittijiet li tagħtiha l-liġi bħala parti mis-soċjetà ċivili u l-uniku interess tagħha jibqa' l-ħarsien tal-ambjent naturali għall-benefiċċju tal-ġid komuni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmuża:**

- It-tweġiba tal-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri għall-Kwerela mressqa minn BirdLife Malta